*Il-bwieb tas-sema miftuħa,*
*L-anġli telgħin u neżlin,*
*San Ġużepp ġo bieb l-għawajjar,* (2)
*Jadura lil Ġesù Bambin.*

*Kemm stagħġbu dawk ir-ragħajja,*
*Meta waslu f'bieb l-għawajjar,*
*Marru jadurawh ta' Sultan*
*U jsibuh liebes ta' fqajjar."*

11. 11. 1948. Ġ. GHIGO, S.J.

---

# Reċensjonijiet

**IDJOMI MALTIN.** — Karm. Fenech — pp. 104.—Lux Press.

L-AWTUR ta' dal-ktieb qabel daħal Ġiżwita kien surmast tal-Malti l-Liċeo. Bħala surmast kien jaf x'inhuma l-ħtieġiet ta' l-istudenti għall-eżamijiet. L-ewwel kiteb *Taħriġ fl-Ilsien Malti* (1945) u issa tana *Idjomi Maltin* l-ewwel xogħol ta' din in-natura. F'dan il-ktieb hemm miġbura għadd ta' għidut Malti li jiswew mhux biss biex igħallmu 'l istudenti imma lill-kittieba tal-lsien Malti li bħal kull ilsien ieħor għandu l-idjomi tiegħu. Dawn l-idjomi jsebbħu l-kitba ta' l-ilsen. L-idjomi Maltin huma mibnija fuq sistema alfabetiku taħt il-kelma ewlenija fl-għidut. Hekk taħt il-kelma *laħam* insibu *Qata' fil-laħam il-ħaj*; *Hallas il-laħam ta' kollox*; *Laħam qiegħed*; *La kiel il-laħam jiekol l-għadam*; eċċ. L-awtur fejn seta' ta sil-tiet mill-aħjar kittieba biex barra li jfiehem l-idjomi jurihom fil-kontest tagħhom. Ktieb jiswa mitqlu deheb għall-istudenti. Hadd daqs dan l-awtur ma għaraf jagħtihom ktieb hekk meħtieġ għall-eżamijiet. Għalkemm l-awtur għamel ħiltu kollha biex jagħti idjomi kemm jista' xi ftit baqgħulu barra. Hekk taħt il-kelma *ħarir* hu jagħti biss l-idjoma: *Haġa miexja ħarir*: *sejra tajjeb u bla taħbit*. Wieħed seta' jżid: *Għal ħarira ma*: *Għal daqsxejn ma*. Lanqas ma nsibu dawn l-idjomi li ġejjin: *Qagħad għaliha*; *Kien qed igħodd is-sebgħa fil-mija*; *Issa nqiegħdek!*; *Issa nagħmillek!*; *X'jaqa' u jqum*; *żmien il-brodu*; *għajnejk f'għajni*; *jeħodha daqs nagħla*; *ċallas ballas; oqgħod baxx.*

Madankollu dak li tħalla barra hu wisq ħaġa żgħira fejn dak li nġabar. Ktieb ta' min jiksbu.

Ġ.

---

(1) "Sant'Indrija nofs il-muna mitmugħa u l-miżergħa miżrugħa."
(2) Nom diminuttiv ta' "għar".

**IL-POLZ TA' MALTA** — Ġużè Aquilina. — Lux Press, 1948. pp. 241+xxxv; Prezz 5s. 4d.

FIL-LETTERATURA Maltija kienet ilha tinħass il-ħtieġa li naqbdu linja ġdida. Fil-kitba tar-rumanzi u tan-novelli u fil-poeżija l-kittieba tagħna ilhom juru ħilithom, iżda qabel il-Prof. Aquilina, għadu ħadd ma daħal bis-serjetà u bil-qawwa kollha fil-qasam tal-kitba ta l-*essays* bil-Malti. "Il-Polz ta' Malta", ktieb ta' essays filosofiċi li fihom l-awtur jidħol fil-fond u jgħarbel il-prinċipji li fuqhom, tajjeb jew ħażin, hi ibbażata l-ħajja tal-bniedem, jiftaħ triq fejn l-intellettwaliżmu tal-pajjiż jista' jikber u jimraħ fil-wisa'.

Il-Prof. Aquilina jħaddem, fil-kitba tiegħu, qawwa ta' stil imżewqa b'għażla ta' kliem u frażjoloġija Maltija li tinqara u tinftiehem. Għax Aquilina hu stilista mill-aħjar, sħiħ fil-bini tas-sentenzi mimlija bi kliem mirqum u b'espressjonijiet imqegħdin f'lokhom. Kull kelma, kull espressjoni, kull perijodu mitfugħin mhux biex jimlew u jagħmlu ħafna ħoss, iżda biex ifissru, xejn aktar u xejn anqas, dak li l-awtur iħoss ġo fih. Iżda li jkollok stil sabiħ, ibbilanċjat u qawwi, mhuwiex biżżejjed. Massengħa u l-ġmiel ta' l-istil irid ikun hemm l-immaġinazzjoni u l-profondità ta' l-ideat. Dawn iż-żewġ elementi mwaħħdin jagħtu qawwa u ħajja lill-kitba ta' Aquilina.

Il-merti letterarji ta' Aquilina huma mxerrda f'diversi friegħi—rumanzier, poeta, kritku, artikolista, kittieb ta' essays filosofiċi. F'kull fergħa wriena li dak li bena bnieh fuq is-sod, fuq *background* kulturali li hu wiesa' u kbir. Dak li kiteb huwa l-prodott ta' matmura sħiħa ta' studji profondi. U għal dir-raġuni li l-kitba tiegħu hi dejjem nieqsa mill-artifiċjalità u s-superfiċjalità li ssib f'uħud mill-kittieba.

"Il-Polz ta' Malta" Aquilina kitbu biex jgħallem, biex jiftaħ il-għajnejn, biex jikxef il-faqar soċjali li qed ingħixu fih, biex juri fid-dawl tagħhom id-drawwiet u t-tradizzjonijiet sew tajba kemm ħżiena, biex iħarreġ il-moħħ għall-fantasija u għall-arti, u biex jikkritika fejn hemm bżonn li jikkritika. Il-qarrejja li jaqraw u jixtarru dan il-ktieb isibu dejjem xi ħaġa ġdida ma' dak li ġa jafu, xi ħaġa li tifrex aktar fil-bogħod il-medda ta' l-ideat tagħhom.

Fi studju dettaljat li nsibu fil-bidu tal-ktieb, il-Professur Saydon daħal bir-reqqa u s-sengħa ta' mgħallem fil-qalba ta' kull essay, wera l-konċett ta' l-idejat fil-ġmiel u l-qawwa tiegħu, u fisser bi spontanjetà kbira l-kwalitajiet letterarji li jżejnu lill-Prof. Aquilina. Dwar dawk li huma attivitajiet kulturali mwettqa minn Aquilina fl-Università, żgur illi ħadd ma jista' jitkellem b'awtorità akbar minn dik tal-Prof. Saydon.

L-isem tal-ktieb hu meħud mill-isem ta' l-ewwel essay li fih Aquilina jsawwat bla ħniena lil dawk li, għar-regħba li jħossu biex jiksbu ġid bla ma jaħdmu għalih, tefgħu lil Malta fid-dagħbien tad-dlamijiet, tal-qerq u ta' l-immoralità. Aquilina jurina l-ħażin, imma ma jiqafx hemmhekk: jurina wkoll kif nistgħu neqirdu din is-saħta li tebbgħet il-ġieh ta' pajjiżna, kif għandna naħdmu biex inqajmu mill-ġdid il-kuxjenza tan-naz-

zjon Maltija. Dan naslu għalih kemm-il darba nżommu jixgħel quddiemna d-dawl ta' l-idijal.

Prinċipji bħal dawn ta' fejda u ta' ġid morali nsibuhom kotrana f'kull essay, prinċipji li kieku d-dinja kellha timxi fuqhom kieku titbiddel mil-lejl għan-nhar. "Hafna minna......... donnhom qatt ma tgħallmu l-prinċipji elementari li l-biża' t'Alla huwa l-bidu ta' kull għerf u li l-ħajja ta' kull wieħed minna hi qasira wisq biex toqgħod taħliha tfittex u tagħmel il-fortuna li l-lum jew għada jkollok tħalli warajk. Issa dil-ħsara ġrat għax tlifna l-imħabba u l-għożża għall-valuri spiritwali tal-ħajja" (Is-Saltna ta' l-Ispirtu). Is-saltna tal-materja rebħitna u fina qerdet għal kollox is-sens tas-sabiħ u tas-sewwa .Nixxfet fina l-egħjun tal-ħaqq, tal-kobor u tal-hena ta' dejjem. Iżda Aquilina jwiddeb: "Ġenn titħabat għaż-żgħir u titlef il-kbir; u ġenn agħar għalhekk titħabat għaż-żmien u titlef l-eternità".

"Il-Faqar Soċjali" jikxef rokna mudlama fil-ħajja Maltija: il-vizzji u l-abbużi li qed ikarkruna fit--triq imħarbta li tagħti għall-komuniżmu. Jeħtieġ nimxu wara t-tagħlim tal-Knisja. Jekk le, il-kittieb "wisq jaħseb li Malta jiġrilha dak li ġara lil pajjiżi oħra Nsara, titlef it-triq ta' l-Imgħallem u tinxteħet wara l-profeti foloz".

B'pinna li minn xejn ma tibża', l-awtur jagħdab u jeħodha bl-ikrah kontra l-intelliġentsia Maltija li tiġġerra lejn il-ħajriet materjalistiċi tal-ħajja bla ma tfittex li timxi ma' l-iżvilupp ta' l-idejat. Hdejn il-kobor tal-barranin il-kobor ta' l-intelligentsia tagħna jisfa' fix-xejn. Għax l-istudjużi Maltin, sa mill-eqdem żmenijiet flok ma sabu l-inkuraġġiment li jistħoqqilhom, raw ma' wiċċhom għajb, tmaqdir u ingratitudini. Aħna nibqgħu ngħixu fid-dinja ċkejkna tal-mentalità fqira tagħna, jekk ma nagħrfux inċarrtu d-dlamijiet ta' l-injoranza u tal-prużunzjoni u nfittxu d-dawl ta' l-intellett billi nżommu bejnietna rabtiet intellettwali u nxandru kitba xjentifika u letterarja.

F'dan il-kwadru, kif isejjaħlu Aquilina, tal-falliment ċivili-reliġjuż tal-poplu Malti, aħna nsibu mxebbhin il-faqar tagħna ta' poplu intellettwalment ċkejken mal-għana u l-qawwa tal-barranin li, għax sabu min igħinhom u min iħeġġiġhom, kibru f'kull fergħa ta' l-arti. Meta sejra l-intelliġentsia Maltija, li f'idejha jinsab it-tmun tal-kultura, tifhimha li biex nimxu 'l quddiem bħala nazzjon jeħtieġ inqallbu mill-qiegħ is-sistema tat-tagħlim u ndarru l-qalb u l-moħħ fi studji għolja intelettwali?

Nifhmuha li l-ħsieb ta' Aquilina f'dawn l-istudji kritiċi mhuwiex li juri x-xejn tagħna biex ikasbarna u jiddisprezzana bħala poplu, iżda biex juri n-nuqqasijiet li ilhom il-mijiet tas-snin jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra u jrabbi fina rieda qawwija li naħdmu għall-progress soċjali u spiritwali ta' art twelidna.

Iżda minbarra l-kritika, qawwija u iebsa imma kostruttiva u f'waqtha, fuq aspetti diversi tal-ħajja Maltija, insibu wkoll studji fuq arti, fantasija, letteratura, xjenza, fidi, lsien u bibbja. U ħadd aktar mill-Prof. Aquilina ma jasal biex jikteb fuq suġġetti bħal dawn. Għax Aquilina jiġbor fih kamp wiesa' ħafna ta' kultura ta' ilsna barranija u ta' esperjenza bħala awtur f'ħafna oqsma differenti tal-letteratura. Nieħdu dik li hi poeżija: il-kelma ta' Aquilina hi kelma ta' awtorità għax il-poeżija studjaha, ħassha u kitibha. Nieħdu l-proża: ħadd ma jiċħad li

Aquilina hu nnifsu prożatur u kritku mill-aħjar; dak li jgħid insibu fih personalità, qawwa ta' ħsieb u, dak li hu l-aqwa, l-oriġinalità. Nieħdu dawk li huma studji filosofiċi: eżempji għandna kemm irridu, sew bl-Ingliż kemm bil-Malti, ta' kitba mibnija fuq bażi ta' filosofija li fiha l-awtur wera individwalità u konċepiment qawwi ta' idejat. Iżda dawn il-merti kollha, sbieħ kemm huma sbieħ, jonqos ħafna mill-effett tagħhom kieku f'Aquilina m'hemmx id-don tal-perswasiva. L-argumenti li joħloq u li jagħraf jislet minn kittieba magħrufa jikkonvinċu bil-qawwa tagħhom u jirbħu wkoll il-fehmiet avversarji.

Aquilina jitkellem fuq il-Bibbja—il-ktieb universali li ġie maqlub f'aktar minn seba' mitt lingwa. Iżda "Malta cattolicissima e nobilissima, għad m'għandhiex traduzzjoni uffiċjali tal-Kelma ta' Alla għal idejn il-poplu u għal fuq il-pulptu". Dan ix-xogħol qed jagħmlu, minn rajh u minn flusu, il-Prof. Saydon—il-bniedem waħdieni li għandna li fih jiġbor il-kwalitajiet kollha meħtieġa għat-traduzzjoni ta 'xogħol iebes bħal dan. Iżda kemm qtigħ il-qalb, kemm tfixkil u bsaten fir-roti! Meta... meta ser ikollna Bibbja sħiħa deċenti bil-Malti?

Aquilina jitkellem fuq il-poeżija li, kif isejħilha hu, "hi dinja li ma tintmessx bl-idejn, mibnija minn materjal li mhux materjali". Jitkellem fuq l-arti kollha kemm hi u jmaqdar lil dawk li ma jagħrfux jiġbru ħsebijiethom u s-sentimenti tagħhom fil-ġmiel ta' l-Arti u tax-Xjenza.

Inqis li l-lum aħna wasalna f'salib it-toroq: il-futur tagħna jiddependi għal kollox minn liema triq ser ngħaddu. Hemm it-triq tad-dlam fejn nibqgħu ngħixu, imxaħxħin, fl-injoranza u fl-immoralità li ninsabu fihom il-lum. U hemm it-triq l-oħra, kif imfissra minn Aquilina fil-"Polz ta' Malta", li timxi 'l quddiem, bla ma tgħawweġ, għad-dawl tal-kultura ċivili-reliġjuża. Aquilina tkellem ċar bi lsien li jifhmu kulħadd. Malta tegħleb il-kriżi kulturali li tinsab fiha jekk twarrab minn fuq spallejha l-madmad ta' l-injoranza u tal-pożi.

Sakemm nibqgħu minfuħa bil-ftit li nafu, u sakemm l-awtoritajiet jibqgħu sħaħ fil-fehma tagħhom li ma jinkoraġġux u jgħinu l-kultura Maltija, daqshekk iddum tidwi bil-ħaqq kollu minn żmien għall-ieħor l-għajta qalila u qawwija ta' l-awtur: "Studji profondi u inizjattiva mhumiex ir-regola tal-Maltin. Ir-regola hi l-pompa u l-medjokrità slaten f'kull fergħa tal-ħajja nazzjonali". Aqraw "Il-Polz ta' Malta" u tifhmu kemm Malta għadha spiritwalment u intellettwalment marida. Is-saħħa u l-qawmien jiġu mill-ħidma sfiqa u mill-kultura kbira.

ġ. ċ.

**FIL-ĠNEJNA TAT-TFULIJA** ta' Dun Frans Camilleri. — Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp, il-Ħamrun, 1948. pp. 32.

DUN Frans Camilleri l-lum magħruf bħala wieħed mill-ewlenin fost il-għliba ta' poeti żagħżagħ u kif il-qalb tiegħu hi mfawra bil-ħrara u l-ħeġġa taż-żgħożija hekk il-poeżija tiegħu hi mimlija bil-ħajja u l-lehma ta' l-entużjażmu.

Fl-ewwel ktieb tiegħu Dun Frans kiteb għal kull min għandu sens għal ġmiel ta' l-arti u tan-natura, issa f'din il-ġabra, il-poeta għamel sejħa liż-żgħażagħ u stedinhom biex jistgħallu miegħu u jifirħu bis-sebħ u s-sedqa tal-ħajja.

Din hi ġabra ta' poeżiji koerenti mal-fehma ta' l-awtur li, kif qal fil-kelmtejn tą' qabel, kiteb bil-ħsieb li jagħti lit-tfal ktieb ċkejken li jferraħhom. Hu seħħlu li jwettaq dan il-ħsieb għax poeżiji ħfief, ritmiċi u ferrieħa bħal dawn ftit rajna bħalhom.

Dun Frans għandu xeħta jikteb ħafif iżda li jolqot; dan hu don rari fil-poeti. Il-poetessa Mary Meylaq għandha dan l-istil u bosta mill-poeżiji tagħha jixbhu lil dawk ta' din il-ġabra, fil-ġirja tar-ritmu, fil-ħeffa tal-kostruzzjoni u fil-ħlewwa tal-ħsieb.

Din il-ġabra miżgħudą b'ħafna ħsebijet, figuri u tixbihiet kumpatti u sħaħ qishom ward li jżejjen ġnien sabiħ, u għalhekk kollha flimkien isawru bħal ġnejna li tgħąxxaq u tfewwaħ. Ma hix ħaġa ħafifa li wieħed jagħżel l-isbaħ strofi, għax il-versi kollha miġbudin bis-sengħa u għandhom il-ġmiel tagħhom, iżda strofa bħal din ma tistax ma tolqotx għall-ġmiel oriġinali tagħhą:—

*"Donnkom bżieżaq, ċkejkna, ħomor,*
*Kollha jleqqu, imdawlin;*
*Jew imsielet f'widnejn l-anġli*
*Nhar il-festa milbusin"* (Iċ-Ċirasa).

Għoġbitna wkoll l-armonija tal-versi; strofa bħal din iġġagħlek tara u tisma' l-ħsieb ta' l-awtur:—

*"Tiela'*
*nieżel...*
*hekk il-ħajja:*
*daqqa l-ferħ u daqqa d-dmugħ.*
*Tlikk, tlukk*
*tlikk, tlukk."* (Fuq il-Bandla).

Bħalma għidna fuq dan mhux l-ewwel ktieb ta' Dun Frans; nittamaw li hu jissokta jħaddem il-pinna tiegħu biex ikattar u jagħni l-letteratura tagħna.

G.